MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 46/1996/1

**Anthony Cauchi**

**vs**

**Pierre u Angele konjugi Galea u b' degriet tal-10 ta' Awissu, 2001, George Refalo gie nominat sabiex jirrapprezenta lil Pierre u Angel konjugi Galea li jinsabu msefrin.**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Gunju, 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-Avviz li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati minn din il-

Qorti sabiex iħallsuh is-somma ta' sitt mija u sitta u sebgħin lira mlatija (Lm676) dovuti minnkom lilu bħala bilanċ minn somma akbar ħlas ta' xogħol ta' mastrudaxxa magħmul fuq ordni u għal benefiċċju tagħkom .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Awissu 1996 u tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Awissu 1996 kontra tagħkom; u bl-ingunzjoni għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċipew :

Illi x-xogħol sar ħażin iżda l-attur irrifjuta li jirrinġah u għalhekk l-eċċipjenti mħgħandhom x'jagħtu xejn lill-atturi .

Salvi eċċezzjonijiet oħra kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni minn issa l-attur għas-subizzjoni .

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru 1998 fejn innominat lil Charles Sultana bħala espert tekniku sabiex, wara li jeżamina l-għamara in kwistjoni, jirrelata verbalment dwar il-konstatazzjonijiet tieghu . Semgħet lill-istess espert tekniku jixhed fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2003 .

Rat il-verbal tagħha tal-25 ta' Jannar 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u l-affidavits u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob il-ħlas tal-bilanċ dovut għal xogħol ta' l-injam imwettaq fuq inkarigu tal-konvenuti . Il-konvenuti qed jikkontestaw din it-talba għax jikkontendu illi x-xogħol sar ħazin . Huma nfatti fil-kors tal-kawża lmentaw illi fil-kċina li kien ħadmilhom l-attur tfaċċew is-segwenti difetti :

1. il-bibien u l-kxaxen maħdumin fl-injam ta' l-aħmar kienu bidlu l-kulur, b'tali mod illi l-kċina spiċċat b'partijiet minnha b'kuluri differenti mill-kumpalment ;

2. tfaċċa qsim fl-injam f'uħud mill-bibien u kxaxen ; u

3. il-mejda ma kienitx livellata .

L-espert tekniku maħtur mill-Qorti sabiex jieħu konjizzjoni ta' dawn l-ilmenti, kkonferma illi kien minnu illi l-injam kien biddel il-kulur, imma dan kien dovut għall-fatt illi l-injam, bħala materjal naturali, kien maż-żmien ibiddel il-kulur . Din il-kċina kienet maħduma in parti mill-injam ta' l-aħmar u in parti minn boards tal-*melamine* li huwa *chipboard* miksi b'qoxra tal-plastic . Minkejja illi meta tinħadem il-kċina dawn ikunu ta' l-istess kulur, maż-żmien inevitabilment l-injam jibda jiskura filwaqt illi l-*melamine* iżomm l-istess kulur . L-unika rimedju għal sitwazzjoni bħal din huwa li l-injam meta jkun qed jinħadem jiġi miżbugħ b'kulur li jaqbel ma' dak tal-*melamine* ħalli jibqa' jżomm l-istess kulur . Dwar il-konsenturi fl-injam, dan ukoll jattribwieh għal proċess naturali ta' l-injam illi jespandi u jiċkien skond il-klima ta' madwaru . Il-ħsara tista' tiġi rimedjata faċilment bi spiża minima ta' għoxrin lira maltija (Lm20) . Fil-mejda ma sab ebda difett .

Ma ġie fl-ebda ħin innegat illi l-konvenuti kienu tassew ordnaw kċina bil-materjali li fil-fatt intużaw mill-attur sabiex ħadem il-kċina in kwistjoni . L-attur anzi jsostni illi lill-konvenuti kien wissihom illi l-injam ta' l-aħmar kellu tendenza li jiskura biż-żmien, imma dawn xorta waħda insistew illi jintuża dan it-tip ta' injam . Il-konvenut pero' jiċħad illi l-attur kien infurmah b'din il-kwalita' fl-injam ta' l-aħmar . Hi liema hi madankollu l-verzjoni l-iktar verosimili, l-Qorti tħoss illi ġialadarba l-konvenuti għażlu li minn jeddhom jordnaw kċina magħmula minn taħlita ta' injam naturali u ieħor artifiċjali, ir-responsabilita' ta' dik id-deċizjoni kienet tagħhom . Kellhom jinfurmaw ruħhom aħjar dwar il-kwalitajiet ta' l-injam minnhom ordnat qabel ma jieħdu tali deċizjoni u ma kienx jispetta lill-attur li joqgħod jispjegalhom x'jistgħu ikunu l-konsegwenzi tad-

deċizjoni tagħhom . Id-dmir tiegħu kien li jesegwixxi x-xogħol tiegħu tajjeb u skond ma tirrikjedi l-arti u s-sengħa ta' mastrudaxxa . Minn dak li ddepona l-espert maħtur mill-Qorti jidher illi l-attur dan id-dmir wettqu, għax dak li ġara ma kienx riżultat ta' xi negliġenza jew xogħol ħazin da parti tiegħu, imma konsegwenza tal-proċess naturali ta' l-injam li ntuża .

Il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex toqgħod fuq dak li rrelata l-espert minnha nkarigat f'dan ir-rigward . Għalhekk tikkonkludi li l-ilmenti tal-konvenuti xejn m'huma ġustifikati u l-attur jixraqlu li jitħallas dak li għadu dovut lilu . Il-konvenuti ma jidhirx illi qatt ikkontestaw il-fatt illi l-ammont indikat fl-Avviz kien proprju il-bilanċ li kien għad baqa' mill-kont għax-xogħol imwettaq lilhom mill-attur u għalhekk ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talba attriċi m'għandhiex tiġi milqugħa .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija sitta u sebgħin lira maltija (Lm676) dovuti bħala bilanċ minn somma akbar rappreżentanti ħlas ta' xogħol ta' mastrudaxxa magħmul fuq ordni u għal benefiċċju tagħhom .

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti."

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti. B' mod generali huma jobbjettaw illi l-ewwel Qorti ma tat ebda decizjoni dwar liema versjoni kellha titwemmen u naqset milli taghmel ezercizzju ta' evalwazzjoni tal-provi. B' mod specifiku huma jikkontendu li l-attur ma esegwiex l-opra lilu kommissjonata skond kif ordnat, bil-konsegwenza illi fl-injam uzat ghall-kcina issa ghandu tahlita ta' zewg kuluri, anke ghaliex l-injam ta' l-ahmar maz-zmien kanga fil-kulur;

Jigi notat, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi mentri l-appellanti llimitaw ruhhom quddiem l-ewwel Qorti ghad-difiza li x-xoghol sar hazin (ara Nota ta' l-eccezzjonijiet)

issa, f' din is-sede, donnhom qed jippretendu illi l-attur appaltatur ma adempiex ruhu mat-termini tal-ftehim, jigifieri li l-kcina ordnata ssir kollha kemm hi bl-injam ahmar;

Ma jista' qatt ikun in dubju illi l-obbligu ta' l-appaltatur, di fronte ghall-kommittent, hu dak li jezegwixxi l-opra kommissjonata lilu. Mhux hekk biss. Hu ghandu l-obbligu wkoll "*di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte sua, e deve almeno prestare una capacita` ordinaria*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**);

Naturalment, ghad-determinazzjoni ta' l-opra mhux necessarju li din tkun specifikata fid-dettalji kollha taghha imma hu sufficcjenti li jkunu ffissati u maqbula l-elementi bazici taghha. Kif kellha okkazjoni tavverti l-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, "l-esperjenza tghallem illi l-kwestjonijiet jinqalghu ghaliex wiehed mill-partijiet jew it-tnejn ma jkunux approfondew sew it-termini tal-ftehim biex ma jinqalax inkwiet u disgwid" - "**Nazzareno Vassallo *nomine* -vs- Edward Maggi**", 13 ta' Frar 1997. F' dak il-kaz il-kwestjoni kienet taggira dwar jekk ix-xoghol fuq l-injam kellux ikun tas-*solid oak*;

Mhux kontrovers fil-kaz prezenti illi bhala fatt ix-xoghol tal-kcina nhadem in parti bl-injam ta' l-ahmar u l-kumplament minn *sheets* ta' *chipboard melamine*. Skond l-attur dan kien jikkorrispondi ghall-ftehim akkordat. Huwa jsostni wkoll illi lill-appellanti kien gharrafhom fil-mument li giet ippjazzata l-ordni illi bl-uzu tac-*chipboard* maz-zmien seta' jaghti l-kaz li jkollok zewg kuluri billi l-injam ta' l-ahmar joskura aktar, mentri l-*melamine*, ghax artificjali, jibqa' tal-kulur originarju. Ara xhieda ta' l-attur in kontro-ezami (fol. 44 *et sequitur*). La meta xehed (fol. 65), u lanqas fl-Affidavit tieghu (fol. 68), il-konvenut ma cahad din il-parti ta' l-istqarrija ta' l-attur. Minn dan jitnissel illi kienet gusitifikata l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti meta affermat illi "ma gie fl-ebda hin innegat illi l-konvenuti kienu tassew

ordnaw kcina tal-materjali li fil-fatt intuzaw mill-attur biex hadem il-kcina in kwestjoni";

Taht dan il-profil l-aggravju ta' l-appellanti hu nieqes minn kull sostenn mill-istess provi prodotti mill-partijiet;

Dan iwassal biex il-Qorti tikkonsidra l-lamentela l-ohra sollevata mil-appellanti bhala kontestazzjoni tas-sentenza appellata.  Huma jghidu li appaltatur li jiehu l-inkarigu li jesegwixxi bicca xoghol ghandu jirrezisti talbiet minn min hekk jinkarigah li jmorru kontra d-dettami tas-sengha u ta' l-arti.  F' dan l-istess ilment l-appellanti jinkorporaw ukoll il-kwestjoni riflettenti fuq l-ghazla tal-materjal adoperat.  Din il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra kif jixraq dan l-ilment, anke ghaliex dan joffri spunti ta' interess in materja ta' appalt;

Huwa pacifiku qabel xejn illi "l-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha, u meta hu jissomministra anke l-materjal, dan ghandu jirrispondi ghall-konsegwenzi kollha skond il-ligi" (**Kollez. Vol. XLI P II p 892**).  Dan ghaliex "id-difett tal-kostruzzjoni jista' jkun mhux biss xoghol hazin imma anke xoghol esegwit b' materjal hazin" (**Kollez. Vol. XLI P I p 667**).  Gie in effetti ritenut f' kawza fejn l-appaltatur kien qed ifittex kemm lill-perit kif ukoll lill-kuntrattur ghal xoghol ta' kostruzzjoni ta' bini "li d-difetti fil-kostruzzjoni jew fl-art jikkomprendi anke d-difetti fil-materjali wzati fil-kostruzzjoni ghax il-bonta tal-materjali tidhol fl-ambitu ta' responsabilita` tant fuq l-appaltatur kemm ukoll fejn dan jirrikorri fuq l-arkitett li jkun inkarigat mid-direzzjoni tal-kostruzzjoni.  Dan billi l-ezekuzzjoni tax-xoghol tinvolvi anke l-ghazla tal-materjali u l-appaltatur u l-arkitett ma ghandhomx jadoperaw materjali mhux tajba anke jekk is-sid ikun irid li jigu wzati dawk il-materjali mhux tajba imma ghandhom jirrifjutawhom" (**Kollez. Vol. XXIX P I p 442**);

Minn dan jitnissel in linea ta' principju illi, gjaldarba jinkombi b' obbligu fuq l-appaltatur li josserva n-normi ta'

indoli teknika fl-ezekuzzjoni ta’ l-opra, komprensiv f’ dan il-kontroll tal-materjal intiz li jigi wzat, huwa ghandu jastjeni ruhu milli jezegwixxi l-opra jekk ikun deherlu, b’ diligenza ordinarja, illi l-materjal mhux tajjeb jew dan kapaci ‘l quddiem jimmanifesta difetti. “F’ kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru ‘l quddiem” - “**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia *et nomine***”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu 1972;

Issa fil-kaz in ispecje strettament non si tratta ta’ materjal hazin billi dan imkien ma gie asserit. Hi invece kwestjoni ta’ ghazla inidonea fl-uzu tat-tahlit bejn injam solidu fuq l-ahmar u fuljetti *chipboard melamine*. F’ kaz bhal dan jekk jinstab li l-appaltatur ikun spejga lill-kommittent il-konsegwenza ta’ l-ikkangjar tal-kulur ta’ l-injam fuq l-ahmar mal-medda taz-zmien f’ kombinazzjoni mal-kulur tal-*melamine*, u l-kommitent ikun xorta wahda nsista li x-xoghol kontrattat jigi ezegwit b’ dik it-tahlita ta’ materjal u li jidher hekk konsentit f’ xoghlijiet ta’ din in-natura, huwa allura jassumi *in proprio* r-riskju. Dan anke ghaliex, kif konstatat f’ bosta decizjonijiet tal-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni (**Cass. Nru. 1738, 5 ta’ Mejju 1975** u **Cass. Nru. 2319 tat-30 ta’ Ottubru1965**), l-appaltatur jigi degradat “*ad un semplice ‘nudus minister’* ”;

F’ dan il-kaz partikolari huwa accettat fuq il-bazi tal-provi processwali illi l-attur appellat gab a konjizzjoni ta’ l-appellanti l-eventwali sitwazzjoni li setghet tirrizulta mill-ghazla maghmula mill-istess appellanti. Prova din li, kif rilevat, ma gietx zmentita jew newtralizzata bi prova kuntrarja mill-appellanti. Irid jinghad ukoll illi bhala kwalita` ta’ xoghol *ut sic* l-opra ezegwita kienet, fil-fehma ta’ l-espert nominat mill-ewwel Qorti wahda teknikament idonea. Dan, s’ intendi u b’ mod generali, skond il-kriterji tat-teknika tajba u tar-regoli ta’ l-arti in korrispondenza ghall-esigenzi u l-iskopijiet li l-opra kienet destinata. Anke allura l-ilment ta’ l-appellanti fuq din il-bazi ma jisthoqqlux akkoljiment;

l-appellanti jissottomettu finalment illi l-ewwel Qorti, verifikat minnha fil-kors ta' l-access, ix-xoghol, hekk kwalifikat bhala "ta' kafkaf" li jinghad li sar, messha warrbet l-opinjoni ta' l-espert mahtur minnha;

Fuq dan il-punt il-Qorti ta' l-Appell kellha aktar minn okkazjoni wahda tirrileva dak stabbilit fl-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12, jigifieri li l-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijiet taghha nnifisha. Inghad a propozitu fis-sentenza fl-ismijiet "**John Saliba -vs- Joseph Farrugia**", Appell, 28 ta' Jannar 2000:-

"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kienetx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova";

Issokta jigi precizat illi "l-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" u "**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998;

Fil-kaz in ezami din il-prova kuntrarja ma ngiebetx. Dippju, jirrizulta li l-opinjoni teknika espressa minn Charles Sultana (fol. 37) hi korroborata b' mod konkluziv mix-xhieda ta' l-attur. Dan fis-sens li l-attur ezegwixxa l-opra b' materjal tajjeb u l-kambjament fil-kulur ma kienx il-konsegwenza ta' xoghol malament ezegwit jew ta' materjal difettuz imma rizultat tal-process naturali tax-xorta ta' injam uzat. Taht dan l-aspett il-fehma tal-perit

tekniku tikkostitwixxi prova nkonfutabbli u kienet tkun prezunzjoni zejda da parti tal-Qorti kieku kellha twarrabha fil-genb.

Ghall-motivi kollha suesposti l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------